MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2005

Numru. 1063/2005

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
GAETANO XERRI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gaetano Xerri, ta’ 38 sena, bin Alfred u Gaetana nee’ Attard, imwieled Pieta’ nhar it-22 t’April 1967, u residenti 7A, Triq Dwardu, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 215567(M), u akkuzat talli fil-Marsa, nhar it-23 ta’ Novembru 2005, ghal habta tad-disgha u nofs ta’ filghaxija, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom mobile phone u flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta’ Jonathan Farrugia.

U aktar talli b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, f’Novembru 2005, u

fix-xhur ta’ qabel, ghex ghal kollox, jew in parti, mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ Jacqueline Rapinett.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artiklu 49, 50, 261, 270, 276 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artiklu 7(1) tal-Kap 63, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre, il-Qorti obbligat lill-imputat b’garanzija taht l-Artiklu 383 tal-Kap 9 li bl-ebda mod ma jintimida, javvicina, jikkomunika jew jimmolesta lill-kwerelant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------